DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI
IL-FURJANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES
FLORIANA VLT 2000
MALTA

*Id-Direttur Ġenerali* *The Director General*

Ref. tagħna:

Ref. tiegħek:

**Kulleġġ San Tumas More, Skola tal-*Malta Visual & Performing Arts***
**Laqgħa t'informazzjoni għall-ġenituri.**

22 ta' Jannar, 2018

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

L-Iskola tal-*Malta Visual & Performing Arts* ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss (2018-19) jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom kif ukoll jitħarrġu f'ħiliet artistiċi li jinkludu Arti, Drama, Midja, Mużika u Żfin li huma jaċċellaw fiha.

Din l-iskola tilqa' fi ħdanha studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li **twieldu fl-2007**, li se jtemmu b'suċċess is-Sitt Sena tagħhom fl-iskola Primarja u li huma meqjusa b'talent u promettenti ħafna fil-ħiliet artistiċi tagħhom mill-għalliema rispettivi tagħhom. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola tal-Malta Visual & Performing Arts.

Għalhekk, ser issir laqgħa għall-ġenituri/kustodji nhar:

**Data:** **Il-Ġimgħa 2 ta' Frar, 2018**
**Post:** **Skola *Malta Visual & Performing Arts,* Triq Abela Scolaro, il-Ħamrun**
**Ħin:** **11:00 ta' filgħodu**

fejn ser tingħata informazzjoni dwar il-proċess u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Iskola *Malta Visual & Performing Arts.*

**L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2018** u jkunu jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex. Mill-5 ta' Frar li ġej l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu aċċessibbli fuq il-websajt www.education.gov.mt

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2018** fis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex.

**Maria Mc Namara**
**Direttur Ġenerali**
**Direttorat għal Servizzi Edukattivi**